# LEHEN IL-MALTI

IL-XXXI 1962 GHADD 4

## KELMTEJN QABEL

*Din hija ħarġa speċjali ta'* Leħen Il-Malti *dedikata kollha lil Dun Karm li fl-għomor ta' disgħin sena neqsin ħamest ijiem, ħalla din id-dinja fit-13 ta' Ottubru 1961. Biex tibqa' xhieda ħajja tal-qima u l-ħbiberija tagħna għall-Poeta Nazzjonali, jiena stedint lill-awturi Maltin li naf li kienu jafuh sewwa biex jiktbu t-tifkiried tagħhom dwaru. F'din il-ħarġa jidhru ukoll ix-xhediet ta' qima li taw lil Dun Karm tlett persuni distinti, il-Professur A. J. Mamo, il-President tal-Qrati, l-Onor. Imħallef A. J. Montanaro Gauci u Dr. Wallace Gulia meta fit-18 ta' Ottubru 1961 l-*Għaqda tal-Malti (Università) *u s-Senat flimkien għamlu tifkira ta' Dun Karm fit-Teatru ta' l-Università.*

*Nirringrazzja lill-kontributuri kollha talli wieġbu għas-sejħa tiegħi, u fost dawn, nagħżel lill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Arċisqof, Sir Michael Gonzi li, għalkemm kien marid sewwa, mingħajr ma qagħad jitbeżża' għal saħħtu wara operazzjoni serja, kiteb fl-isptar tal-*Blue Sisters *hekk tajjeb u mill-qalb fuq il-Poeta tagħna Nazzjonali li darba kien surmast tiegħu.*

*Għall-darba oħra grazzi ħafna lil kull min għen biex isseħħ din il-ħarġa ta' tifkira ta'* Leħen Il-Malti.

Ġ. Aquilina
President – *Għaqda tal-Malti* (Università)

*Mindu ktibt dawn il-kelmtejn, il-Prof. A. J. Mamo laħaq l-ewwel Pro-Chancellor ta' l-Università tagħna. Nifirħulu! U nifirħu ukoll lill-università bix-xewqa u t-tama li sakemm idum Pro-Chancellor tagħna, l-istudji u l-prestiġju akkademiku ta' l-*Alma Mater *jikbru u jimmeritaw ir-rispett sew ta' l-istudjużi Maltin kemm ta' l-istudjużi barranin.*

Ġ.A.